## "BOMBER"

*Ta'* G. Bartolo

Mhemmx li nistrieħ minn din id-dieqa kbira,
Li kien jaħasra jerġa' ż-żmien li għadda,
Dwejjaq għalija dawn il-jiem ta' paċi,
Li kont nistabar!

M'għadnix fil-beraħ tas-smewwiet niġġerra
U kollni hieni neqred djar u ħiejjaq,
M'għadnix kif nitla' fis-smewwiet inwerwer
In-nies ta' taħti.

Kemm kienu għalija sbieħ il-jiem tal-gwerra:
Kont ngħaddi l-jum u i-lejl niġġerra u neqred,
Kont jien sultan tal-ħajja ta' kull ħlejqa;
Kemm kont nitgħaxxaq

Inħarbat kuliimkien, nifrex il-ħerba;
Xi ġmiel saħħari dak il-krib u l-biki
Li jitla' kien minn taħt il-ħerba—kollox
Intemm għalija!

Minn taħt il-ħerba nstema' demmhom jagħjat,
Jitlob il-ħaqq quddiem Ħallieq is-Sewwa
Minni li qridthom ħesrem dawk il-ħlejjaq.
O, x'hemm ġie fuqi!



# Reċensjonijiet u Studji Kritiċi

**"TAĦNIN U GĦANA TAN-NIEQA"** — Ta' Ġ. Cassar Pullicino. — Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp, Ħamrun, 1949. Paġ. 24.

DAN hu ktieb ieħor li s-Sur Cassar Pullicino ħareġ fuq is-suġġett li fih hu qiegħed jispeċjalizza. L-awtur il-lum hu magħruf bħala wieħed mill-ewlenin folkloristi Maltin u l-kotba tiegħu fuq dan is-suġġett barra li għandhom siwi letterarju huma ta' fejda kbira għall-istudju ta' l-istorja politika u soċjali ta' din il-Gżira, għax fil-folklore aħna għandna xi ħaġa li writna mas-snin minn għand missirijietna u ommijietna bħala xhieda u tifkira tal-ħajja qadima tagħhom li l-lum, bil-ftit il-ftit, qed tintilef u tgħib fost il-ġiri, l-għaġla u t-taħbit tal-ħajja tas-seklu għoxrin".

Kien hawn awturi oħra Maltin u barranin li kitbu fuq il-folklore tagħna, iżda ħadd minnhom ma mess din il-fergħa ta' l-aqwa ħtieġa fil-ħajja ta' niesna, għax it-taħnin u l-għana tan-nieqa hu xhieda ta' "mħabba safja mfissra f'kull kelma ta' taħnin li n-nisa tagħna wirtu minn għand ommijiethom biex biha jħannu lil uliedhom iż-żgħar".

Aħna l-Maltin bħala poplu għandna ġibda għad-dar u nitgħaxxqu bis-satra u s-sliem tal-familja u għalhekk f'dan it-taħnin wieħed jara tqanqil ta' mħabba l-aktar imħeġġa u ta' drawwiet l-aktar ħelwin marbutin mal-ġens tagħna l-Malti. Il-qofol tan-nazzjon hi l-familja u r-rabta tal-familja huma l-ulied. Hu magħruf kemm aħna l-Maltin, nisa u rġiel, ngħożżu t-trabi tagħna, kemm inħobbuhom u nfissduhom; għalhekk dak kollu li għandu x'jaqsam mat-trobbija ta' l-ulied hu wirja tad-drawwiet u tal-ġibdiet tagħna u hu wkoll xbieha l-aktar ħajja tan-nisel tagħna bħala poplu.

Is-Sur Cassar Pullicino ma ikkuntentax bil-ġbir ta' taħnin u ta' għana tan-nieqa biss, biċċa xogħol li minnha nfisha teħtieġ sabar kbir u tiftix bir-reqqa, iżda hu ried ukoll jagħmel studju ta' l-etimoloġija dwar dak il-għana ma' ieħor Taljan u Sqalli .Dan it-tixbih jiswa biex juri kemm hu minnu li, f'dak li jmiss ħwejjeġ egħżież tal-familja u tad-dar, il-ġnus kollha ssibhom jixbhu lil xulxin. Għax bħalma semmejna qabel, il-bniedem għammar u nissel familja qabel ma għaqqad nazzjonijiet; jiġifieri li ħwejjeġ familjari huma eqdem minn dawk nazzjonali. Naħseb, iżda, li l-awtur kien aktar isostni din it-teżi kieku fittex li jqabbel it-taħnin tagħna ma' dawk ta' nazzjonijiet oħra barra t-Taljan u l-Isqalli; hekk, biex insemmu waħda biss, it-taħnina Maltija:

*"Orqod, ibni, orqod*
*fil-benniena tal-ħarir......"*

tagħti lemħa lit-taħnina Ingliża:

*"Rock-a-by baby......"*.

F'din il-ġabra laqatna l-fatt li bosta mill-għana tan-nieqa tagħna hu mfassal fuq idejiet imqaddsa u festi u għidien tal-Knisja. Wieħed jistħajjel li l-omm nisranija qiegħda tipprofitta ruħha mit-taħnin għal irqad biex titlob lil Madonna jew lil Bambin jew lil Qaddisin ħalli jħarsulha lit-tarbija u jżommu idejhom fuqha. Din hi espressjoni oħra ta' omm tassew